MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 49/2013

**A B**

**vs**

**C D f' isimha proprio**
**u f'isem bintha l-minuri E li twieldet fis-17 ta' Gunju 2009**
**u dan permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Gunju 2013**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**.

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta' Marzu 2013 li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi fis-17 ta' Gunju 2009, gewwa l-Isptar Mater Dei twieldet minuri bl-isem ta' E mill-konvenuta C D u missier mhux

maghruf, u dan kif jirrizulta minn certifikat tat-twelid markat Dok A.

Illi kif gie ppruvat mit-test tad-DNA illi l-attur ghamel, il-minuri E hija l-wild naturali ta' l-attur, u dan kif jirrizulta minn kopja ta' DNA test markat Dok. B.

Illi minkejja interpellazzjoni sabiex il-konvenuta C D taccetta r-registrazzjoni ta' l-attur bhala missier it-tifla minuri, il-konvenuta baqghet inadempjenti u dan kif jirrizulta minn ittra ufficjali debitament notifikata markata Dok. C

Illi l-attur ma baqaghlu l-ebda alternattiva ohra sabiex jirrikonoxxi lil bintu minuri hlief illi jintavola dawn il-proceduri.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E D.

2. Tordna illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri E D jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom missier it-tarbija', jigu inseriti dawn il-konnotati u cioe': A B, Eta' - 27 sena; Karta ta' l-identita' 541681 (M), bin Raymond (haj), imwieled Pieta', u residenti Bormla.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-test tad-DNA u l-ittra ufficjali numru 71/11 kontra l-konvenuta, ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-attur.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta pprezentata fil-21 ta' Mejju 2013 fejn eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok l-irritwalita tal-proceduri odjerni stante li l-attur rikorrenti ma jistax jidher bhala kuratur ad litem ta’ minuri meta f’ghajnejn il-ligi ma ghandux ebda dritt fuqha.

2. Illi fit-tieni lok hija din l-Qorti li ghandha l-ewwel tara jekk tordnax li jkun hemm l-bzonn tal-ezamijiet tad-DNA fuq il-minuri u t-tieni li dan tistabbilih permezz ta’ esperti minnha debitament nkarigati u proprju ghalhekk li r-rapport prezentat mill-attur rikorrenti ghandu jigi sfilzat mill-atti ta’ din il-kawza.

3. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni ghall-perijodu ta’ zmien li fih l-imsemmi attur rikorrenti kellu relazzjonijiet ma’ terzi persuni.

4. B'riserva ta’ eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Gunju 2013 fejn laqghet talba tal-attur ghal korrezzjoni fl-okkju tal-kawza.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Lulju 2013 li permezz tieghu innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-testijiet tad-DNA

Semghat ix-xhieda tal-partijiet.

Rat ir-rapport tad-DNA ipprezentat minn Dr Marisa Cassar fit-22 ta’ Ottubru 2013.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**L-Azzjoni**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li l-minuri E, li fuq ic-certifikat tat-twelid tinsab indikata bhala b'missier mhux maghruf, tigi dikjarata li hi bintu u konsegwentement jitnizzel bhala l-missier fl-att tat-twelid tal-minuri.

**Provi.**

Mic-certifikat tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi fir-Registru Pubbliku il-minuri hija indikata li ghandha missier mhux maghruf.

Fix-xhieda tieghu moghtija quddiem il-Qorti fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2013[1] l-attur xehed illi meta twieldet il-minuri huwa kellu dubju jekk kinitx tieghu. Jghid li hu u l-konvenuta kienu iggieldu madwar xahrejn qabel weldet lill-minuri u irrangaw meta t-tifla kellha xi xahar u nofs. Lill-minuri kien jara jew meta jinzel ghand omm il-konvenuta fejn kienet qed tirrisjedi mat-tarbija, jew inkella l-konvenuta kienet titla' bit-tarbija fid-dar tal-genituri tal-atur fejn kien qieghed jirrisjedi. L-attur spjega li t-tifla issejjahlu "daddy" u kien jikkontribwixxi regolarment somma ta' flus ghall-manteniment taghha. Kien ukoll ihallas spejjez ta' tobba.

Il-konvenuta min-naha taghha xehdet illi hi ma kinitx certa jekk il-minuri kinitx bint l-attur u kien ghalhekk li kienet qed titlob li jsir it-test tad-DNA. Stqarret li l-attur kien ghamel zmien jara lill-minuri regolarment sakemm kellha tlett snin u nofs. Sitt xhur ilu huwa beda relazzjoni ma' mara ohra u ghalhekk il-konvenuta tghid li ma setghatx tkompli mieghu. B'hekk waqfitlu l-access.

Sussegwentement saret din il-kawza.

Mir-rapport ta' Dr Marisa Cassaripprezentat fit-22 ta' Ottubru 2013[2] jirrizulta li Dr Cassar gabret il-kampjuni orali (buccal swabs) tal-konvenuta C D, tal-minuri E D u tal-attur A B. Mit-test tad-DNA irrizulta li l-attur huwa missier il-minuri.

[1] Fol. 33
[2] Fol. 84

Ikkonsidrat;

**Artikolu 86 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:-

*It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista’ jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta’ tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b’ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta’ dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta’ nota preżentata fl-atti ta’ dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f’liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma’ dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta’ xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista’ jmexxi b’rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta’ dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi*.

Jirrizulta li fit-30 ta’ Awwissu 2011 l-attur kienipprezenta ittra ufficjali ai termini tal-precitat artikolu kontra l-konvenuta li ghalkemm kienet giet notifikata fis-16 ta’

Settembru 2011, ma kienetipprezentat l-ebda risposta u ghalhekk l-attur kien kostrett jintavola l-kawza odjerna.

Mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-minuri hija bint l-attur.

Tenut kont tal-fatt illi din il-kawza kellha tigi intavolata ghaliex il-konvenuta ma rrisponditx ghall-ittra ufficjali tal-attur, huwa indikat li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**Decide.**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-attur bhala l-missier naturali tal-minuri E D;

2. Tordna illi l-att tat-twelid tal-minuri E D jigi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom missier it-tarbija' jigu inseriti is-segwenti konnotati: A B; Eta' – 27 sena; karta ta' l-identita' : 541681M, bin Raymond (haj), imwieled Pieta' u residenti Bormla.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------